MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2481/2002

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Raymond Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' tlett mija u tmienja u disghin lira Maltin (Lm398) rappresentanti danni ikkagunati mill-konvenut fuq arblu ta'l-elettriku u proprjeta ohra tal-mittenti meta l-istess konvenut kien qed isuq fi Triq il-Barrani, fit-8 ta' Ottubru 1999, sejjer lejn id-direzzjoni taz-Zejtun u meta wasal fejn ir-Roc-A-Go Complex huwa tilef il-kontroll tal-vettura u habat ma'l-imsemmi arblu, liema danni gew ikkagjonati minhabba fi traskuragini, imperizja u nuqqas ta' harsien tar-

regolamenti, u li ghalihom hu unikament responsabbli l-istess konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sal-jum tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok hemm proceduri kriminali pendenti.
2. Illi fit-tieni lok ma ikkagunax il-hsarat indikati fit-talba tal-korporazzjoni attrici.

Ra l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut fejn huwa eccepixxa l-preskrizzjoni ta'l-azzjoni a tenur ta'l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Sema' x-xhieda ta' Silvio Decelis, rappresentant tal-Korporazzjoni attrici, tal-konvenut, kif ukoll ta' ohtu Mary Grace Caruana u ta' Rev. Carmel Zammit.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti u cioe' id-Dokumenti SD1, SD2 u SD3, kif ukoll Dokument Ene 1 u cioe' l-ittra ufficjali li kient intbaghtet lill-konvenut, u Dokument AV1 konsistenti fil-kopja tal-kont li intbaghat lill-konvenut.

Ikkunsidra,

**L-EWWEL ECCEZZJONI SOLLEVATA MILL-KONVENUT**

Illi l-konvenut qieghed jecepixxi illi hemm proceduri kriminali pendenti. Illi fil-kamp civili din l-eccezzjoni hija kompletament insostenibbli u dana in vista tal-fatt illi l-ligi tghid car u tond illi il-proceduri kriminali jitmexxew indipendentement mill-proceduri civili u li l-wahda ma tista' qatt ikollha pis fuq l-ohra. L-uniku effett li tali eccezzjoni jista' ikollha hija biss fl-eventwalita illi l-konvenut ikun jista' jinkrimina ruhu bix-xhieda moghtija minnu f'dawn il-proceduri, li ma huiwex il-kaz f'din l-istanza stante illi l-konvenut qieghed jichad dak allegat mill-korporazzjoni attrici. Inoltre jirrizulta mix-xhieda ta' Rev. Carmel Zammit

illi dawn il-proceduri gew mitmuma u li l-konvenut gie liberat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**L-ECCEZZJONI TAL-PRESKRIZZJONI TA'L-AZZJONI BID-DEKORS TA' SENTEJN – L-ARTIKOLU 2153 TAL-KODICI CIVILI**

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-incident mertu tal-kawza sehh fit-8 ta' Ottubru 1999. Illi mid-Dokument Ene1 jidher illi l-Korporazzjoni attrici kienet baghtet ittra ufficjali lill-konvenut fit-8 ta' Jannar 2001, liema ittra giet debitament innotifikata lill-konvenut fil-15 ta' Jannar 2001, f'liema data allura giet interrotta l-preskrizzjoni ta'l-azzjoni. Inoltre l-proceduri odjerni gew intavolati fis-16 ta' Ottubru 2002 u kwindi il-perijodu tal-preskrizzjoni ma kienx lahaq iddekorra. Illi ghalhekk din l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut hija ukoll infondata u qed tigi michuda.

**L-ECCEZZJONI FIL-MERTU**

Illi din il-kawza tittratta talba ghad-danni allegatament ikkagunati mill-konvenut fuq arblu tad-dawl proprjeta tal-Korporazzjoni attrici, liema danni gew ikkagonati b'konsegwenza ta' incident stradali li fih kienet involuta il-vettura misjuqa mill-istess konvenut. Illi l-provi imressqa mill-Korporazzjoni attrici kienu konsistenti fil-maggior parti taghhom fi provi dokumentali li gew esebieti minn Silvio Decelis, rappresentant tal-Korporazzjoni attrici fil-kors tax-xhieda tieghu. Illi l-korporazzjoni ma ressqet l-ebda xhud li seta' jixhed dwar l-allegat incident stradali. L-uniku prova li tressaq u li seta' iservi ta' indikazzjoni li fil-fatt kien sehh dan l-incident kien ir-*road accident report* redatt mill-pulizija esebiet bhala Dokument SD1 a fol.11 sa 14 ta'l-atti processwali. Dana ir-rapport qieghed jigi ikkontestat mill-konvenut u dana kif jirrizulta kemm mill-ittra mibghuta minnu lill-Korporazzjoni meta huwa gie interpellat sabiex ihallas id-danni relattivi (Dokument SD2 a. fol15 tal-process), kif ukoll mix-xhieda tal-konvenut stess u tax-xhieda l-ohra imressqa minnu. Illi l-Korporazzjoni madanakollu naqqset li tressaq lill-pulizija li irceva dan ir-rapport bhala xhud u lanqas ressqet il-persuni li jidhru

indikati bhala xhieda okulari fir-*road accident report* u cioe' lil Fortunato Caruana, Mary Grace Caruana u Joseph Pullicino.

Il-verzjoni ta' kif allegatament sehh dan l-incident u li hija imnizzla fir-rapport tal-pulizija tindika illi l-konvenut li kien qieghed isuq fi Triq tal-Barrani gewwa z-Zejtun bi *speed* eccessiv, tilef il-kontroll tal-vettura tieghu hekk kif wasal vicin il-liwja ta' hdejn ir-Roc-A-Go garage, habat gol-*crash barrier* li kien hemm fil-post u baqa' diehel fl-arblu ta'l-elettikru mertu ta' din il-kawza. Il-vettura baqghet sejra ghal madwar sbatax-il metru sakemm waqqfet fuq in-naha l-ohra tat-triq. Jidher illi hadd ma wegga' f'dan l-incident. Il-hsarat fil-vettura misjuqa mill-konvenut gew indikati bhala "slight"

Illi min-naha tieghu il-konvenut jammetti illi kien involut f'incident stradali fl-istess post indikat mill-korporazzjoni attrici. Huwa jikkontendi illi it-*tyre* tal-vettura tieghu laqghat ic-*centre strip* u nfaqa biex b'hekk huwa tilef il-kontroll tal-vettura li kien qieghed isuq u baqa' jitkaxkar mal-*barriers* li kien hemm mac-*centre strip*. Jichad li kien qieghed isuq bi *speed* eccessiv u jichad inoltre illi huwa laqat xi arblu tad-dawl. Fil-fatt jikkontendi illi fil-post fejn sehh l-incident kien hemm arblu ta-dawl li kien ilu ma jahdimx xhur twal. Dana jafu ghaliex joqghod fl-akawati u ighaddi regolarment minn din it-triq. Jichad inoltre illi huwa kien kellem lill-pulizija fuq il-post ta'l-incident, kif jichad inoltre illi huwa kien ta l-verzjoni lill-pulizija li hija imnizzla fir-*road accident report*. Jallega illi qabel l-incident il-fanal ta'l-arblu kien jinstab go *centre strip* ghalkemm l-arblu kien ghadu dritt.

Mary Grace Caruana, oht il-konvenut, li kienet riekba bhala passiggiera fil-mument li sehh l-impatt ukoll tikkonferma dak illi jixhed huha l-konvenut. Hija issostni illi l-vettura laqghtet il-*crash barrier* u ic-*centre strip*, izda fl-ebda moment ma laqghtet l-arblu tad-dawl, li kien diga imkisser u ma jiffunzjonax. Rev. Carmel Zammit, li kien mar mal-konvenut l-ghassa tal-pulizija, meta l-istess pulizija kienu baghtu ghal konvenut sabiex ikellmuh, ighid illi meta wasslu l-ghassa l-*istatement* kien diga lest miktub u l-konvenut gie miltub jiffirmah. Hu kien ta parir lill-

konvenut sabiex ma jiffirmahx ghaliex kien totalment inkorrett u dana ghaliex tnizzlu affarijiet li ma kenux minnhom fosthom illi missier l-konvenut kien presenti meta sehh l-incident u li kien korra u ittiehed l-isptar meta fil-fatt dana ma kienx minnu. Meta huwa gibed l-attenzjoni tal-pulizija ghal dan il-fatt huwa qallu li kien ser inizzlu xortawahda u jekk ried jikkontestah dana seta' jaghmlu il-Qorti. Huwa kien mar fuq il-post ta'l-incident mal-konvenut. Kien ra l-arblu tad-dawl immejjel, izda ma ra l-ebda sinjal taz-zebgha tal-vettura mijsuqa mill-konvenut fuqu. Jiftakar li kienu anke cemplu sabiex jigi rappresentant ta'l-Enemalta fuq il-post, izda hadd ma kien gie ghalkemm kienu ikkomunikaw maghhom diversi drabi. Dana ix-xhud madanakollu ma kienx prezenti mal-konvenut meta sehh l-incident. Huwa jikkontendi inoltre illi l-incident sehh iktar 'il fuq minn fejn kien hemm dana l-arblu tad-dawl ghaliex meta mar fuq il-post u l-konvenut indikalu fejn sehh l-incident kien ghad hemm sinjali friski ma'l-art fejn il-vettura daret fuqha innifisha.

Ikkunsidra,

Illi ghalkemm il-Korporazzjoni attrici kienet konsapevoli tal-fatt illi l-konvenut kien qieghed jikkontesta r-rapport tal-pulizija u dana kif jirrizulta mid-Dokument SD2, a fol.15 tal-process, huma naqqsu li iressqu lill-pulizija li investigaw dana l-incident sabiex jixhed, kif ukoll naqqsu illi iressqu lix-xhieda li jidhru indikati f'dan ir-rapport bhala xhieda okulari ta' dan l-incident. L-uniku xhud li tressaq kien Silvio Decelis li ma kienx prezenti ghall-incident u li ix-xhieda tieghu hija limitata biss ghall-ezebizzjoni tad-dokumenti in konnessjoni mal-kaz.

Illi min-naha tieghu l-konvenut ghalkemm jammetti illi huwa kellu incident fil-vicinanzi, pero' jichad madanakollu illi huwa qatt ghamel hsara lill-arblu tad-dawl in kwistjoni li jihder del resto li kien diga fih il-hsara qabel l-incident.

Illi t-Tribunal ghalhekk ma jistax jasal ghal konkluzjoni illi kien l-konvenut li ikkaguna l-hsara lmentata fl-arblu tad-dawl in kwistjoni, tenut kont tal-fatt illi dana l-arblu jidher illi kien diga fih il-hsara qabel l-incident. Ir-rapport tal-pulizija

inoltre huwa kemmxejn inverosimili, u dana meta wiehed iqies l-entita’ tal-incident li qed jigi deskritt fl-istess rapport wassal ghal hsarat minimi fil-vettura misjuqa mill-konvenut, kif ukoll ghal fatt illi hadd mill-passiggieri ma wegga’ f’dan l-incident. Jidher inoltre illi lanqas thejja skizz ghalkemm il-pulizija kienu acceddew fuq il-post ta’l-incident u dana sabiex it-Tribunal ikollu stampa cara tal-konfigurazzjoni tat-triq u tad-distanza bejn il-vettura u l-arblu tad-dawl in kwistjoni.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-provi prodotti, jirrizulta illi l-korporazzjoni attrici naqqset li tipprova it-talba taghha u ghalhekk it-talba attrici qed tigi michuda.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, kif ukoll it-tieni eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’l-azzjoni, jilqa’ it-tieni eccezzjoni fil-mertu u ighaddi ghalhekk biex jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess Korporazzjoni attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------